MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## SAVIOUR DEMICOLI

Seduta tal-5 ta' Lulju, 2005

Numru 231/2005

**Il-Pulizija**

**(Spettur Ramon Mercieca)**

**vs**

**VINCE VELLA**

**Illum 5 ta' Lulju, 2005**

**Il-Qorti,**

Rat l-imputazzjonijiet li permezz taghhom Vince Vella ta' 45 sena bin Saviour u Carmela nee' Gatt, imwielda l-Isla, fid-29 ta' Settembru 1959 u residenti "Saratoga", Dun Mauro Inguanez Street, B'Kara, detentur tal-karta ta' l-identita' b'numru 672059M gie akkuzat talli:

Fis-17 ta' Frar 2005, ghall-habta ta' xi s-18:00 Hrs gewwa B'Kara:

1. Ghamel offiza gravi fuq il-persuna ta' Carmelo Spiteri skond kif iccertifikaw Dressa Simone Zammit MD Reg. No. 2782 mill-Isptar San Luqa u cioe' ikkaguna ksur fis-sebgha z-zghir ta' id ix-xellugija, ta' l-istess Carmel Spiteri, u dan bi ksur ta' l-Artikoli 214 u 216 (1)(b) tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
2. Hebb ghal Carmel Spiteri, Brian Spiteri u Rose Mary Spiteri sabiex jingurjhom, idejjaqhom jew jaghmlilhom hsara u dan bi ksur ta' l-artikolu 339(d) u (e) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
3. Volontarjament kiser il-paci pubblika u l-bon ordni b'ghajjat u glied u dan bi ksur ta' l-artikolu 338(dd) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
4. Qal fil-pubbliku kliem indecenti u oxxen, liema kliem kien jikkonsisti f'dagha fil-pubbliku u dan bi ksur ta' l-artikoli 338(bb) u 342 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
5. Bil-hsieb li jtellef jew inaqqas il-gieh ta' Carmel Spiteri, Brian Spiteri u Rose Mary Spiteri weggahhom bi kliem b'gesti jew b'mod iehor u dan bi ksur ta' l-artikolu 252(1) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti giet gentilment mitluba li f'kaz ta' htija tipprovdi ghas-sigurta ta' Carmel Spiteri, Brian Spiteri u Rose Mary Spiteri u tapplika l-provvedimenti ta' Art 383, 384 u 385 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat l-atti u d-dokumenti esebiti.

Rat il-Kunsens ta' l-Avukat Generali esebit bhala Dok RM3 u nnuntat li l-imputat m'ghandux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja.

Innutat li fis-Seduta ta' llum l-imputat ammetta l-akkuzi migjuba kontra tieghu.

Il-Qorti wissiet lill-imputat bl-aktar mod solenni rigward il-konsegwenzi tal-ammissjoni tieghu u taghtu ftit taz-zmien sabiex jiddeciedi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu

jew le, u wara li gie mistoqsi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, l-imputat rega' wiegeb li hu hati tal-akkuzi migjuba kontra tieghu.

Innutat li fil-Verbal tas-Seduta ta' llum l-Ufficjal Prosekutur l-Ispettur Ramon Mercieca iddikjara li l-imputat ikkopera bis-shih mal-Pulizija.

Innutat ukoll li fil-Verbal tas-Seduta tallum Dr Chris Cardona ghall-parte civile presenti fl-Awla iddikjara illi bejn l-imputat u bejn il-parte civile ma nqalghux incidenti ohra.

Semghet trattazzjoni dwar il-piena.

Rat l-artikoli 214, 216(1)(b), 339(1)(d), 339(1)(e), 338(dd), 338(bb), 342 u 252(1) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Issib lill-imputat Vince Vella, fuq ammissjoni, hati tal-akkuzi migjuba kontra tieghu u tenut kont ic-cirkostanzi kollha tal-kaz inkluzi l-fatt li l-imputat ammetta fi stadju bikri tal-kawza, il-fedina penali tal-imputat, li fil-Verbal tas-Seduta ta' llum l-Ufficjal Prosekutur l-Ispettur Ramon Mercieca iddikjara li l-imputat ikkopera bis-shih mal-Pulizija u li fil-Verbal tas-Seduta tallum Dr Chris Cardona ghall-parte civile presenti fl-Awla iddikjara illi bejn l-imputat u bejn il-parte civile ma nqalghux incidenti ohra, rigward l-ewwel akkuza tillibera lill-istess imputat taht il-Provvediment tal-artikolu 22 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien tlett (3) snin millum, rigward it-tieni akkuza tikkundanna lill-istess imputat ghall-piena ta' hamsa u ghoxrin Lira Maltin (Lm25) ammenda, rigward it-tielet akkuza tikkundanna lill-istess imputat ghall-piena ta' hmistax il-Lira Maltin (Lm15) ammenda, rigward ir-raba' akkuza tikkundanna lill-istess imputat ghall-piena ta' hmistax il-Lira Maltin (Lm15) ammenda u rigward il-hames akkuza tikkundanna lill-istess imputat ghall-piena ta' hamsin Lira Maltin (Lm50) multa.

Inoltre, il-Qorti bl-applikazzjoni tal-artikolu 383(1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, torbot lill-imputat Vince Vella b'obbligazzjoni personali ta' mitt Lira Maltin (Lm100) li

jzomm il-kwiet ma' l-istess Carmel Spiteri, Brian Spiteri u Rose Mary Spiteri u li jzomm il-bonordni pubbliku ma' kulhadd ghal zmien sena millum.

Finalment il-Qorti qed taghti lill-imputat Vince Vella l-ispjegazzjoni preskritta fis-sub-artikolu 22(3) tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------